MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 257/2008/1

**William Bugeja**

**vs**

**Stephen Carter**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' April, 2010, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz tal-attur li talab lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf, mija u tmienja u sebghin lira Maltin (Lm1,178), u cioe' ekwivalenti ghal elfejn, seba' mija u erbgha u erbghin ewro (€2,744), ammont dovut in konnessjoni ma' xogholijiet ta' thammil u tqattiegh

ta' blat u twaqqiegh ta' bini fil-proprjeta' tal-konvenut, gewwa Marsaskala.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes in kwantu l-konvenut m'huwiex il-legittimu kuntradditur, stante illi effettivament l-attur ma giex mqabbad minn jew fuq struzzjonijiet tal-konvenut.

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-bilanc pretiz huwa mhallas.

Ra l-kontro-talba tal-konvenut li talab lit-Tribunal jikkundanna lill-attur ihallas is-somma ta' hames mija u tnejn u hamsin liri Maltin (Lm552), u cioe' ekwivalenti ghal elf, mitejn u hamsa u tmenin ewro u wiehed u tmenin centezmi (€1,285.81), dovuti in kwantu ghal danni kkagunati minnu jew nies imqabbda minnu, fil-fond "Mediterrana", Triq il-Bidni l/o Marsascala, proprjeta' tal-konvenut.

Ra r-risposta tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut, li eccepixxa illi t-talbiet indikati fil-kontro-talba huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur jew nies imqabbda minnu ma kkagunaw ebda danni lill-konvenut.

Ra x-xhieda tal-attur li jaghmel xoghol ta' thaffir u twaqqiegh ta' bini.

Ikkonferma li kien gie inkarigat mill-konvenut sabiex jaghmillu xi xoghol fir-razzett, li kien jikkonsisti f'li jwaqqa' l-bini u xorok, jaghmel il-pedamenti u mbaghad wittew il-hamrija. Ma kienux ghamlu tqattiegh.

Il-konvenut kien hallas mija u hamsin lira Malti (Lm150), u cioe' ekwivalenti ghal tlett mija u disgha u erbghin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€349.41), u kien ghad fadal bilanc ta' elfejn, seba' mija u erbgha u erbghin ewro

(€2,744) u kien ghadu qatt ma hallsu minkejja li kien baghatlu ittra bl-avukat.

Kien ukoll iltaqa’ mal-bennej Charlie Farston li kien laqqghu mal-konvenut, izda minkejja li kien il-bennej li kien iqabbdu jaghmel ix-xogholijiet, il-ftehim li kellu kien mal-konvenut, sid il-proprjeta’. Mieghu kien ftiehem ukoll dwar ix-xogholijiet li kellu jithallas taghhom, u dan wara kien tah l-istima verbalment, li ma kienx jinkludi l-VAT. L-ammont ta’ elfejn, seba’ mija u erbgha u erbghin ewro (€2,744) kien jinkludi l-VAT, izda ma ftakarx jekk kienx jinkludi l-interessi.

L-attur ighid li kien ircieva cekk minghand il-konvenut fl-ammont ta’ mija u hamsin lira Maltin (Lm150), u cioe’ ekwivalenti ghal tlett mija u disgha u erbghin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€349.41), u l-konvenut kien kiteb fuq in-naha ta’ wara tac-cekk li dan il-pagament kien qed isir “*in full and final settlement*”. Ighid li kien cempel lill-konvenut sabiex jara ghalfejn kien hemm dawn il-kliem miktubin u kien wieghdu li kien ser ihallsu l-bilanc u kien ghalhekk li kien sarraf ic-cekk.

Kien hemm nies ohra jahdmu fuq il-gibja u jametti li kellu n-nies tieghu u li dawn kienu kkagunaw hsara fix-xorok tal-gibja li kienu sabu waqt li kienu qed jaghmlu x-xogholijiet, izda l-konvenut kienu qallhom biex ikomplu jaghmlu x-xogholijiet.

Ra x-xhieda ta’ Josef Galea, li jahdem fit-thaffir tal-bini u tqattiegh tal-blat, u fiz-zmien kien jahdem mal-attur u kien hadem fil-post tal-konvenut. Ighid li l-konvenut kien talbu sabiex ikompli jaqta’ sal-blat, u dan wara li kien kwazi lesta x-xoghol ta’ thammil.

Kien malli beda jaqta’, li sab is-saqaf tal-gibja ghax malli miss il-blat waqa’ s-saqaf.

Minhabba li kienet tfaccat il-giebja kienu qablu li ghandhom jieqfu x-xogholijiet.

Ighid li kien ghamel ix-xogholjiet fuq struzzjonjiet tal-attur li kien l-imghallem tieghu, izda jghid ukoll li kien l-konvenut li kien tah istruzzjonijiet.

Jikkonferma li kien hemm horza, izda din kienet tinstab fid-direzzjoni opposta fejn kien qieghed ihammel. Jispjega li kien ghadda fuq il-hamrija bil-makkinarju u ma kienx jaf li hemm giebja. Jikkonferma li kien mar hdejn il-horza bil-makkinarju, pero’ fejn kellu jerga’ jhammel ma kienx hdejn il-horza, izda hdejn il-bini fil-kantuniera. Ma kienx gie indikat lilu sabiex inaddaf hdejn il-horza.

Ra x-xhieda ta’ Charlie Borg, li kien impjegat tal-attur. Ighid li kien qed jahdem bil-gaffa u bi zball kien laqat il-hajt tas-sejjieh u rega’ bnieh. Ighid ukoll li kien hemm bir fejn kienu qed jahdmu bil-gaffa u x-xufier tal-gaffa stess kien laqat zewg (2) xorok, li ma kienux jidhru.

Ighid li kien hadem hemm darba biss u kien ra l-konvenut hemm, pero’ ma kienx jaf li kien hemm bir u lanqas kien rah u lanqas ix-xufier kien jaf ghaliex li kieku ma kienx jolqot ix-xorok.

Ra x-xhieda tal-konvenut li jispjega kif kien inkariga lil Charles Farrugia ta’ Farstone Limited sabiex jaghmel xogholijiet ta’ thaffir, thammil u twaqqiegh, ghaliex kien bi hsiebu li jibni dar fl-inhawi ta’ Marsaskala.

Il-ftehim kien sar quddiem il-Perit Samuel Formosa, fejn kienu gew stipulati l-ammonti li kellhom japplikaw ghax-xogholijiet li kellhom isiru fid-dar u kienu kkalkulaw ukoll ir-rati ghall-uzu tal-gaffa, kif ukoll ir-rati ghat-thammil u tqattiegh.

Kien ukoll gie miftiehem li jekk kemm-il darba Charles Farrugia kien jaghmel *subcontracting* kellu jhallas hu stess, u ghalhekk meta kien inkariga lill-attur, l-*invoice* xorta hareg fuq isem Charles Farrugia.

Ghal-bidu jghid li r-relazzjoni mal-attur kienu tajbin, izda li gara kien, li waqt li kienu qed jaghmlu xi xogholijiet kienu laqtu xi xorok tal-giebja., li kienet evidenti ghaliex kien hemm struttura imdahhla gol-giebja, kienet *embedded*.

Pero' l-aktar problema li kien hemm kienet meta Charles Farrugia kien ipprezentalu l-kont minghand Bugeja u dan kien jinkludi thammil u tqattieh ta' *swimming pool*, xoghol li jinsisti li ma kienx sar.

Kien ghalhekk li kien wera' l-kont lill-*surveyor* li kien involut fix-xogholijiet, li kien qallu li l-kont kien *outdated*. Meta Bugeja beda jinsisti ghall-pagament, kien ha parir minghand il-Perit tieghu sabiex jara x'kien ammont ragjonevoli ghal xogholijiet u ghat-tindif li kien ghamel l-attur, u kien ghalhekk li hallas mija u hamsin lira Maltin (Lm150), u cioe' ekwivalenti ghal tlett mija u disgha u erbghin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€349.41), u dan il-pagament kien sar permezz ta' cekk u fuq wara jammetti li kien kiteb *in full and final settlement*.

Kien hallas ukoll is-somma ta' mitejn u disgha u sebghin lira Maltin (Lm279), u cioe' ekwivalenti ghal sitt mija u u disgha u erbghin ewro u disghin centezmi (€649.90), u dan sabiex tissewwa l-hsara fil-giebja u kien naqas dan l-ammont li kien rapprezentanti l-akkwist ta' xorok li kienu madwar seba' (7) piedi twal.

Jispjega kif Bugeja kien beda' jheddu u kien sahansitra ghamel ghalih u din kienet l-ewwel darba, li kellmu, ghaliex kien jipprova jevita lill-

attur billi ma jirrispondix it-telefonati tieghu, ghaliex kien jaf li kollox kien ser jispicca fi glieda.

Il-konvenut jispjega li waqt li kienu qed isiru x-xogholijiet kien jinzel fuq il-post. Jiftakar li l-attur kien mar forsi erba’ (4) darbiet. L-ewwel darba kien mar bil-*bulldozer*, filwaqt li Charlie Farrugia kien jinzel fuq il-post kuljum. Pero’ kien ikun hemm it-tifel tieghu u zewg (2) impjegati - Christian u certu Joseph, li kienu dejjem hemm.

Jikkonferma li kien hu li kien jaghti l-istruzzjonijiet ta’ kif kellhom imexxu l-hamrija u huwa minnu ukoll li kellhom jhammlu vicin kantuniera u kienu ukoll gibdulhom l-attenzjoni li kien hemm giebja, pero’ bil-makkinarju li kienu qed juzaw kienu laqtu l-*boundary wall* u laqat ix-xorok.

Istruzzjonijiet fejn kellu jsir it-thammil setghu inghataw minn Charles Farstone, izda fejn kellha titpogga il-hamrija, l-konvenut stess kien tahom istruzzjonijiet.

Jikkonferma li l-Perit kien imur kuljum fuq il-post, izda hafna drabi wara nofsinhar u ghalhekk ma setax jikkonferma li kien dejjem hemm waqt li l-attur kien qed jaghmel ix-xogholijiet.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

Il-fatti jindikaw li l-attur kien gie inkarigat sabiex jaghmel xi xogholijiet ta’ thammil u tqattiegh ta’ bini fil-proprjeta’ tal-konvenut.

Il-konvenut qajjem l-eccezzjoni li hu m’huwiex il-legittimu kontradittur, ghaliex hu ma kienx inkariga lill-attur, izda li Charles tal-Farstone u dan ta’ l-ahhar kien qabbad lill-attur bhala *subcontractor*.

Madanakollu, l-istess konvenut jammetti li kien sar ftehim mal-attur, mieghu, kif ukoll mal-Perit Samuel Formosa rigward ix-xogholijiet li kellhom isiru u r-rati u l-istima tax-xogholijiet. L-istess dokument gie ffirmat minnhom lkoll u ghalhekk hemm dejjem *nexus* guridiku bejn l-attur u l-konvenut ghaliex kien irrikonoxxa li l-attur kellu jaghmel ix-xogholijiet ghall-konvenut, minhabba li kien miftiehem ma' Farstone u ghaldaqstant, ma jistax ma jigix ikkunsidrat bhala legittimu kuntradittur. Din l-eccezzjoni ghalhekk qed tigi respinta.

It-tieni eccezzjoni tal-konvenut hija li hu kien hallas l-bilanc pretiz.

L-unika prova li l-konvenut gab in sostenn tal-eccezzjoni hija li hu kien hallas cekk ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150), u cioe' ekwivalenti ghal tlett mija u disgha u erbghin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€349.41) u dan *in full and final settlement for excavation works*. Ighid li kien ghamel dan fuq parir tal-Perit li kien infurmah li fil-parir tieghu kien ammont ragjonevoli ghax-xogholijiet li kien wettaq l-attur.

L-attur jaghti verzjoni ohra u jghid li hu kien ikkomunika mal-konvenut u kien talbu jhallas il-bilanc li kien fadal u verbalment dan kien wieghdu li kien ser jaghmel dan il-pagament u ghalhekk kien sarraf ic-cekk.

L-unika gustifikazzjoni ghaliex il-konvenut hass li ma kellux ihallas kienet minhabba li ma kienux saru x-xogholijiet ta' tqattiegh u tahmil ta' *swimming pool*.

Mill-*invoice* li giet esebita bhal Dokument 'IVG 1', hemm indikat li kien hemm xoghol ta' tahmil ta' pixxina,, fost xogholijiet ohra u anke jekk ghal grazzja tal-argument, ix-xoghol ma sarx, zgur il-bilanc li kien jifdal ma kienx dak ta' mija u hamsin

lira Maltin (Lm150), u cioe' ekwivalenti ghal tlett mija u disgha u erbghin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€349.41). Il-konvenut ighid li hu hallas ukoll mitejn u disgha u sebghin liri Maltin (Lm279), u cioe' ekwivalenti ghal sitt mija u disgha u erbghin ewro u disghin centezmi (€649.90), sabiex ibiddel ix-xorok tal-giebja, peress li allegatament dawk kienu ntlaqtu mill-attur jew l-impjegati tieghu.

Anke jekk dan l-ammont kellu jizdied mal-ammont li thallas bhala cekk, ugwalment ma jlahhaqx l-ammont li hemm indikat fl-*invoice*.

It-Tribunal ukoll jissottolinea li l-konvenut naqas li jipproduci lill-Perit jew lil Farstone bhala xhieda, sabiex jindika li kien hemm xi problemi jew nuqqasijiet fix-xogholijiet li ghamel l-attur. Il-Perit, fil-parir ta' dan it-Tribunal, kien xhud vitali li seta' jillumina lit-Tribunal bil-mod kif zvolgew ix-xogholijiet. Lanqas, per ezempju, ma ccertifika liema xogholjiet kienu saru u liema xogholijiet le.

Ghalhekk, it-tieni eccezzjoni qed tigi respinta ukoll.

Il-konvenut ipprezenta kontro-talba fejn talab lill-attur ihallas is-somma ta' hames mija u tnejn u ghoxrin ewro (€522), u cioe' ekwivalenti ghal mitejn u erbgha u ghoxrin lira Maltin (Lm224.09), ghal hsarat li l-attur, u/jew l-impjegati, tieghu kkagunawlu waqt li kienu qed jaghmlu xogholjiet fil-proprjeta' tieghu.

Gie kkonfermat mix-xhieda prodotta, li l-attur jew in-nies tieghu, kienu laqtu xi xorok tal-giebja u l-*boundary wall*, li skont l-attur ma kienux jafu biha u lanqas ma kienet vizibbli.

Il-konvenut ghandu verzjoni kontrastanti u jinsisti li l-giebja kienet vizibbli u setghu evitaw l-hsara. Ighid li kellu jonfoq mitejn u disgha u sebghin lira Maltin (Lm279), u cioe' ekwivalenti ghal sitt mija u

disgha u erbghin ewro u disghin centezmi (€649.90), sabiex ibiddel ix-xorok. Fil-mori tal-kawza, il-konvenut ma pprezentax xi tip ta' rcevuta jew dokumentazzjoni, li biha dan it-Tribunal seta' jkun konvint, li verament kien hemm dina l-hsara u l-konvenut kien hallas sabiex isewwi dawn il-hsarat.

Madanakollu, fix-xhieda tieghu, il-konvenut isemmi li l-akbar problema li kien hemm kienet li ma sarx it-thammil tas-*swimming pool*.

Ghal darb'ohra, it-Tribunal jirreppeti ruhu, li l-konvenut kellu kull opportunita' sabiex iressaq bhala xhud ewlieni tieghu, lill-Perit li f'kull eventwalita' seta' jiccertifika li effettivament, kien hemm dawn il-hsarat u li kienu ntefqu xi flus da parti tal-konvenut sabiex jissewwew dawn il-hsarat.

Fin-nuqqas ta' provi, dan it-Tribunal sejjer jirrespingi l-kontro-talba tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut, kif ukoll il-kontro-talba tieghu bl-ispejjes relattivi kontrih, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf, mija u tmienja u sebghin lira Maltin (Lm1,178), u cioe' ekwivalenti ghal elfejn, seba' mija u erbgha u erbghin ewro (€2,744), ammont dovut in konnessjoni ma' xogholijiet ta' thammil u tqattiegh ta' blat u twaqqiegh ta' bini fil- proprjeta' tal-konvenut, gewwa Marsaskala.

Bl-ispejjes, inkluz dawk tal-kontro-talba, bl-imghax legali, mid-data tal-pagament effettiv."

L-aggravji tal-konvenut di fronte ghal din is-sentenza huma dawn li gejjin:-

i. It-Tribunal zbalja meta cahad l-ewwel eccezzjoni tieghu in kwantu l-attur qatt ma kien kompartecipi fil-ftehim li hu kellu mal-kuntrattur Charles Farrugia ta' Farstone Ltd;

ii. Il-hlas ta' Lm150 li sar minnu *b'cheque* kien "*in full and final settlement*". Dan sar wara pressjoni mill-attur. Ma huwiex minnu dak ritenut mit-Tribunal illi hu wieghed lill-attur li ser ihallsu l-bilanc;

iii. L-ammot mitlub mill-attur kien Lm1178, inkluziv tal-VAT. B'danakollu, imbaghad, il-fattura ta' l-istess attur turi s-somma ta' Lm975. Ukoll, skond l-Avviz l-attur jiddikjara illi s-somma hi dovuta ghal tqattiegh ta' blat; eppure, skond ma hu dikjarat fix-xhieda ma sarx minnu xoghol ta' tqattiegh;

iv. Kwantu ghal kontro-talba t-Tribunal, anke hawn ma apprezzax il-fatti b'mod korrett;

In liena generali jigi rilevat mill-ewwel illi, tabilhaqq, it-Tribunal ma avvicinax il-provi li kellu quddiemu minn vizjoni akkurata, tant li ppuntella l-gudizzju tieghu fuq fatti li mir-rizultanzi istruttorji, huma errati jew ma jirrizultawx;

Hekk, ad ezempju, fil-konsiderazzjoni tieghu ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut appellanti, it-Tribunal jiskarta din l-istess eccezzjoni fuq il-premessa zbaljata illi l-konvenut ammetta li kien sar ftehim ma' l-attur, bl-intervent tal-perit Samuel Formosa, dwar ix-xoghlijiet li kellhom isiru u rati u l-istima taghhom, meta dan ma kienx hekk il-kaz. Kuntrarjament ghal dak dedott mit-Tribunal, markatament id-dokument esebit a fol. 39 huwa ftehim li sar bejn il-konvenut u Charles Farrugia ghan-nom ta' Farstone Construction, bl-assistenza ta' l-Arkitett Samuel Formosa. Hlief ghal dawn, ma jirrizulta ebda firmatarju iehor ta' dan il-ftehim. Fic-cert, zgur mhux l-attur;

Premess dan, il-Qorti jkollu per forza tistharreg ix-xorta ta’ rapport, jekk kien hemm, bejn il-kontendenti. Brevement rikapitolati, il-fatti l-aktar saljenti li jinzlu mill-materjal probatorju huma dawn:-

1. Fid-deposizzjoni tieghu a fol. 16 l-attur jistqarr hekk. Huwa jitlaq mill-punt li hu gie avvicinat mill-konvenut u l-bennej, jghaddi biex jghid li kien il-bennej li ressqu ma’ l-attur u li kien ukoll il-bennej li qabbdu jaghmel ix-xoghlijiet, b’dan pero` li hu kien informa verbalment lill-konvenut bl-istima ta’ xoghlu. Aktar ‘il quddiem meta rega’ xehed (fol. 33) huwa jghid illi ma kienx jiftakar jekk kienx ftiehem xi ammonti mal-konvenut. Testwalment jiddikjara “kont ftehimt ma’ Charlie tal-Farstone pero` is-sid kien prezenti”. Huwa jzid jghid pero li l-ftehim kien li s-sid ihallasni;

2. Da parti tieghu l-konvenut xehed a fol 35 li huwa inkariga bix-xoghlijiet lil Charles Farrugia ta’ Farstone Limited skond kuntratt ta’ ftehim (fol. 39) quddiem il-Perit Samuel Formosa, u li f’dan l-istess ftehim kien hemm inkluz t-total tax-xoghlijiet li kellhom isiru, kompriz ir-rati ghat-thammil u tal-tqattiegh tal-blat. Huwa jghid ukoll illi skond l-istess kuntratt ta’ ftehim jekk Farstone tqabbad lil xi terz ghal “*sub-contracting*” il-hlas kellu jsir mill-istess Farstone. Huwa infatti esebixxa fattura ta’ l-attur intestata lil Charlie Farstone (ara kopja taghha a fol. 21) u li dan ta’ l-ahhur kien ghadda l-kont lilu. Jghid ukoll illi x-xoghol indikat rigward thammil u tqattiegh ta’ *swimming pool* ma kienx sar. Jaccetta li hu hallas lill-attur is-somma ta’ Lm150 ghaliex kienet qed issirlu pressjoni kbira mill-attur, li sahansitra heddu;

Evalwati dawn il-provi huma apparenti dawn l-aspetti li jsegwu:-

1. *In primis*, jidher li l-attur gie sub-appaltat b’certi xoghlijiet mill-appaltatur Charles Formosa ta’ Farstone Limited. In linea ta’ principju, ftehim bhal dan, in kwantu kontraddistint minn cessjoni pura, jiggenera rapport obbligatorju bejn is-sub-appaltant u s-sub-

appaltatur li fih il-kommittenti huwa estraneju. Dan, avolja, il-kommittent ikun akkonsentixxa ghal dak is-sub-appalt. Incidentalment, ta' min josserva f'dan il-kaz, illi bil-kontra ta' dak sottomess mill-konvenut, fil-kaz in ezami l-kuntratt ta' ftehim datat 23 ta' Gunju 2006 (fol. 39) ma jahseb bl-ebda klawsola tieghu ghal "*sub-contracting works*";

2. Di regola, kif jinzel prevalentement minn certa gurisprudenza, fil-kaz ta' sub-appalt li fih tkun tonqos l-ingerenza diretta tal-kommittent, is-sub-appaltatur, bhal ma jidher li hekk kien l-attur, ma ghandux dritt ta' azzjoni diretta, in via kontrattwali, fil-konront tal-kommittent izda biss di fronte ghas-sub-appaltant. Dan s'intendi, ammenokke non si tratta ta' kwestjoni fejn, fil-kaz li jezistu l-estremi ghal daqshekk, il-kommittent ma jkunx imsejjah iwiegeb in via extra-kontrattwali. Qaghda din li tista' tippersisti wkoll fil-kaz tas-sub-appaltatur kontra l-kommittent. Ara ghal certa illustrazzjoni s-sentenzi fl-ismijiet "**Frederick Frendo *nomine* -vs- Godwin Abela *nomine et***", Appell Kummercjali, 24 ta' Ottubru, 1989 u "**Vincent Cauchi -vs- Michael Vella *et***", Appell Kummercjali, 7 ta' Lulju, 1992;

3. Jista' jizdied in tema legali illi kieku stess kien hemm mahsub fil-kuntratt provvediment ghal *sub-contracting,* xorta wahda "*l'assenso del committente al sub-appalto va inteso come mera autorizzazzione ... e non gia a costituire un nuovo e diverso rapporto tra committente e subappaltatore. Ne consegue che nonostante l'autorizzazzione, il subappalto resta un rapporto obbligatorio che intercorre tra appaltatore e subappaltatore, al quale il committente è estraneo, non acquistando diritti ne assumendo obblighi verso il subappaltatore*" (**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana**, 11 ta' Awissu 1990, Numru 8202);

4. Affermat dan, sa hawn, certament, ma jirrizultax ir-rapport negozjali dirett bejn l-attur, *qua* subappaltatur, u l-konvenut, *qua* sid-kommittent;

Issa t-Tribunal jissokta jikkummenta illi, apparti l-hlas ta' Lm150 li l-konvenut ghamel lill-attur, dan ta' l-ahhar jghid li l-konvenut weghdu li kien ser jaghmel il-hlas tal-bilanc. Il-konvenut jikkontrabatti dan fuq tliet livelli. L-*invoice* inharget lil Farstone u mhux lilu, hu hallas dik is-somma biex jaqta' l-pressjoni li kien qed jaghmillu l-attur u f'kull kaz is-somma hekk imhallsa kienet ghas-saldu. Li jfisser, dejjem skond l-appellanti, illi mhux verosimili li hu pprometta li ser ihallas il-bilanc;

Fir-rigward ta' din il-vertenza l-Qorti trid taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) Assumendo fl-ewwel lok li saret dik il-weghda, in linea ta' principju generali, di regola, l-istess ma tidherx li ghandha sors awtonomu ta' obbligazzjoni izda, se mai, jista' jkollha effett konfermattiv ta' rapport pre-ezistenti. Jekk allura, ma jezisti ebda rapport sottostanti dik il-weghda, jekk tezisti, ma jista' jkollha ebda effett vinkolanti;

(2) Maghdud dan, pressjoni jew mhux pressjoni, tqum il-mistoqsija ghalfejn il-konvenut, konsapevoli li ma kellu ebda relazzjoni diretta ma' l-attur u konxju wkoll, li l-fattura kienet intestata lil Charlie tal-Farstone, ghadda biex jaghmel dak il-hlas lill-attur ta' mija u hamsin lira (Lm150), u dan wara li kkonsulta ruhu mas-*surveyor* u naqqas ukoll l-ispiza tal-hsara li garrbu x-xorok tal-giebja fil-kors ta' l-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet lill-attur tramite l-impjegati tieghu;

(3) Huwa, fil-hsieb tal-Qorti, sintomatiku minn dan dedott illi, ankorke ma kien hemm ebda rapport sottostanti dirett bejn il-kontestanti, dak il-hlas kapaci jekwivali ghal rikonoxximent ta' natura konfessorja jew ta' dikjarazzjoni "*contra se*", b'mod li wiehed jinghata x'jifhem illi giet krejata bejn il-partijiet speci ta' novazzjoni *mutato debitore* fejn il-konvenut assuma fuqu li jhallas lill-attur-kreditur minflok is-subappaltant orginarju. Ara fuq it-tematika l-osservazzjonijiet ta' din il-Qorti professi fis-sentenza taghha ta' l-24 ta' April, 2009 in re: "**Sergio Sciberras -vs- Daniel Montebello**";

(4) Issa huwa minnu illi l-konvenut jinsisti li hu dak il-hlas ghamlu "*in full and final settlement*", izda anke hawn wiehed irid joqghod attent illi ma jiddeducix leggerment illi ghal dik ir-raguni u ghat-tisrif tac-*cheque*, il-kreditur jigi b'daqshekk li tilef id-dritt tieghu li jirreklama l-bilanc dovut. Jezisti kaz u kaz, kif gja din il-Qorti kellha okkazjoni tirrikonoxxi u tesprimi fid-decizjoni taghha fl-ismijiet "**Peter Attard -vs- Lawrence Fino**", 28 ta' Marzu, 2008. Din il-Qorti ma tistax telimina illi, wkoll f'dan il-kaz, mhux eskluz illi verament l-attur ghadda biex sarraf dak ic-*cheque* ghax kien imwieghed li ser jithalas il-bilanc mill-konvenut;

Raggunta din il-konkluzjoni hemm qbil mal-konvenut appellanti illi gjaladarba l-valur kif fatturat tax-xoghlijiet ezegwiti huwa ta' Lm975, jekk din tigi maghduda mal-VAT (Lm175.50), dan jaghti cifra ta' Lm1150.50. Minn dan l-ammont irid jitnaqqas il-hlas akkont ta' Lm150 u tali jfisser nett ta' Lm1000.50 ossija €2330.54;

Hemm ukoll qbil mal-konvenut appellant illi t-Tribunal, ankorke *gratia argomenti* ma kienx jezisti rapport relazzjonali ta' natura kontrattwali bejn il-partijiet, ma kellux jiskarta l-fatt tal-hsarat kagjonati lill-konvenut fil-kors tax-xoghlijiet anke ghaliex dawn l-istess hsarat huma hekk ammessi mix-xhieda Charlie Borg (fol. 27) u Josef Galea (ara kontro-ezami tieghu afol. 31). Il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi nonostante li l-konvenut ma pprezenta ebda dokument konfermanti l-ispiza inkorsa ghar-rimpjazzament tax-xorok iddanneggjati (Lm279), id-dikjarazzjoni tieghu li hu nkorra f'din l-ispiza ma giet bl-ebda mod, ghal dik li hu kwantum, kontradetta mill-attur appellat. Kien xieraq u gustifikat ghalhekk li l-kontro-talba tal-konvenut tigi akkolta u l-ispiza relattiva mnaqqsa mis-somma dovuta lill-attur [Lm1000.50 – Lm279 = Lm721.50 (€1680.64)]. Hi din is-somma bilancjali li ghandha tithallas lill-attur.

Ghal motivi predetti din il-Qorti qed tilqa’ in parte l-gravami tal-konvenut. Dan fis-sens illi qed tvarja s-sentenza appellata ghal dak li hu l-*quantum* ta’ l-ammont kanonizzat billi tirreducih ghas-somma ta’ elf sitt mija u tmenin euro, erbgha u sittin centezmu (€1680.64). Fic-cirkostanzi l-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew skond ir-rebh u t-telf.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------